MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Numru 1054/2002

Il-Pulizija
(Sp Raymond D'Anastas)
vs
Pierre Callus, iben Vincent,
imwieled Sliema fid-9 ta'
diċembru, 1961

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fl-4 ta' marzu, 2000 u\jew matul ix-xhur jew is-snin preċedenti bħala proprjetarju u\jew amministratur tal-fond numru 15, 'Stadium Flats', Flat numru 1, Triq Turu Rizzo, Gżira b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-użu jew il-konsum elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf jew ibiddel il-

kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata kkometta serq tal-kurrent elettriku li jammonta għal Lm79.54,4 liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-ħin għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;
2. talli matul l-istess perjodu kkaġuna ħsara volontarja fl-istess meter.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tapplika l-piena skond il-liġi tapplika wkoll il-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluza x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-meter in kwistjoni kien fil-arti komuni ta dawn il-flats u kwalunkwe persuna kellha aċċess għal dan il-meter. Illi anki l-espert tekniku kkonkluda li mhemmx provi li l-imputat seraq id-dawl wara li għamel il-ħsara lill-meter. Anżi, kien l-imputat stess li nforma lill-Korporazzjoni Enemalta li l-meter tiegħu kien bil-ħsara.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------